**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 40**
**It-Tlieta, 1 ta' Novembru, 2022 fis-6:00 p.m.**

**COUNSELLORS – EŻENTI MILL-VAT**

**1838. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-counsellors mhumiex meqjusa bħala professjoni ta' mediku u jkunu eżenti għall-VAT bħalma huma l-Psikologi u l-psikoterapisti li qed jagħmlu l-istess xogħol? X'se jagħmel biex isolvi dan, issa li sar konxju minnu, speċjalment meta l-counsellors kienu parti mil-lista tal-Istrateġija tas-Saħħa Mentali għal Malta 2022?

21/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 40
01/11/2022

**COUNSELLORS – EŻENTI MILL-VAT**

**1839. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex il-counsellors mhumiex meqjusa bħala professjoni ta' mediku u jkunu eżenti għall-VAT bħalma huma l-Psikologi u l-psikoterapisti li qed jagħmlu l-istess xogħol? X'se jagħmel biex isolvi dan, issa li sar konxju minnu, speċjalment meta l-counsellors kienu parti mil-lista tal-Istrateġija tas-Saħħa Mentali għal Malta 2022?

21/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Waqt li għall-ewwel parti tal-mistoqsija parlamentari nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema Councellors qed jirreferi, rigward il-parti dwar it-taxxa nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 1837.

Seduta 40
01/11/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - CEOS**

**1918. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 400 u jagħti n-numru ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettiv tal-Ministeru tiegħu u fejn huma impjegati? Jista' jagħti s-salarju li kull CEO rispettiv jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

22/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 40
01/11/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - CEOS**

**1969. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 405 u jagħti n-numru ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettiv tal-Ministeru tiegħu u fejn huma impjegati? Jista' jagħti s-salarju li kull CEO rispettiv jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

22/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 40
01/11/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - CEOS**

**1970. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 407 u jagħti n-numru ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettiv tal-Ministeru tiegħu u fejn huma impjegati? Jista' jagħti s-salarju li kull CEO rispettiv jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

22/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għandu żewġ CEOs kif indikat fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 40
01/11/2022

**PULIZIJA - INGAĠĠ TA' KADETTI ĠODDA**

**2041. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 410, peress li t-tweġiba ma tindikax l-ammont ta' kadetti ġodda ingaġġati, jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati kadetti ġodda mal-Korp tal-Pulizija bejn l-2017 u d-data li fiha titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari?

28/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-informazzjoni dwar in-numru ta’ kadetti li ġew ingaġġati bħala fizzjali fil-korp, diġà ngħatat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 410 li kienet tinkludi dawk li ġew ingaġġati meta kienu diġà membri fil-korp, kif ukoll dawk il-persuni li ġew ingaġġati ġodda minn barra l-korp.Jekk l-Onor. Membru qed jirreferi għar-rekluti, ċjoè dawk il-persuni li applikaw biex ikunu ingaġġati fir-rank ta’ kuntistabbli fil-korp wara s-soliti sejħiet pubbliċi għall-ingaġġ, l-ammont għall-istess perjodu, huwa kif jidher fit-tabella ta’ hawn taħt:

| **Sena** | Numru ta’ rekluti ingaġġati bħala kuntistabbli tal-pulizija bi prova |
|---|---|
| 2017 | 97 |
| 2018 | 77 |
| 2019 | 56 |
| 2020 | 44 |
| 2021 | 106 |
| Total | 380 |

Seduta 40
01/11/2022

**TAĦRIĠ GĦAL TFAL B'DIŻABILITÀ - POSTIJIET ALTERNATTIVI U ĦINIJIET**

**2147. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista’ l-Ministru twieġeb mistoqsija parlamentari 502 u tgħid jistgħux ikunu provduti postijiet alternattivi u ħinijiet ta’ taħriġ għal tfal b’diżabilità bħalma jeżisti għal kull sport ieħor biex b’hekk il-ġenituri li jkunu jridu jakkumpanjawhom ikollhom lok għal għażla u li jkun konvenjenti għalihom?

04/07/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm ħidma inter-ministerjali għaddejja f’dan ir-rigward biex aktar faċilitajiet u gruppi tal-isports joffru postijiet u ħinijiet alternattivi ta’ taħriġ għal tfal b’diżabilità.

Diversi assoċjazzjonijiet joffru taħriġ speċjalizzat fosthom Frame Football Malta u l-Malta Wheelchair Basketball Association.

F'Settembru, The Malta Paralympic Committee flimkien ma' The Malta Trust Foundation daħlu fi ftehim bi proġett ġdid fejn introduċew sport bħall-futsal, rowing u judo, fost sport ieħor lil tfal u żgħażagħ li huma neqsin mid-dawl. Kowċis ta' għaqdiet volontarji differenti se jkunu qed jagħtu t-taħriġ neċessarju lil dawn il-persuni.

Għall-bqija tal-informazzjoni, nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 40
01/11/2022

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - SENTENZA TA' ŻGUMBRAMENT**

**2148. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1653 u jgħid għalfejn l-Awtorità tal-Artijiet ilha mill-2018 biex tesegwixxi sentenza ta' żgumbrament kontra l-binja li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jgħid jekk ordnax jew talabx passi dixxiplinari, u kontra min, dwar dan in-nuqqas da parti tal-Awtorità tal-Artijiet?

04/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-persuni kontra min inħareġ l-ordni ta' żgumbrament ma għadhomx jokkupaw il-fond inkwistjoni.

Seduta 40
01/11/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**2149. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1633 u jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

04/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu ta' spiss jipproduċu materjal informattiv fuq il-midja sabiex titwassal l-informazzjoni neċessarja . Dan bil-għan li l-pubbliku jkunu mgħarraf bl-attivitajiet / inizjattivi li jittieħdu.
B'referenza għal dak li qed jistaqsi dwaru l-Onor. Interpellant, it-tagħrif għall-perjodu ta' ħames snin kif indikat minnu hu kif ġej:
ONE Productions (Espresso) €4,680 VAT Eskluż.

Seduta 40
01/11/2022

**SA MAISON - GĦOTI TA' PROPRJETÀ TA' TRANSPORT MALTA LILL-INDIVIDWU**

**2150. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1478 u jgħid f'liema data u b'liema titolu ngħatat il-proprjetà parti mill-bini ta' Transport Malta f'Sa Maison lill-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament u jistax iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt/att/skrittura/deċiżjoni relattiv?

04/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemm ebda titolu dwar il-parti tal-binja riferuta. L-użu tagħha hu parti mis-'severance package' tal-eks Prim Ministru fuq il-bażi ta' mera tolleranza.

Seduta 40
01/11/2022

**SA MAISON - GĦOTI TA' PROPRJETÀ PUBBLIKU LILL-INDIVIDWU**

**2151. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1479 u jgħid f'liema data u b'liema titolu ngħatat il-proprjetà pubblika f'Sa Maison lill-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament u jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt/att/skrittura/deċiżjoni relattiv?

04/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 2150.

Seduta 40
01/11/2022

**KUNTRATT LI BIH INDIVIDWU QIEGĦED JUŻA UFFIĊĊJU F'SA MAISON**

**2152. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1480 u jippreżenta l-kuntratt li bih l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament qiegħed juża uffiċċju f'Sa Maison? Jekk ma hemmx kuntratt, jista' jagħti l-kundizzjonijiet taħt liema tali użu qiegħed isir, inkluż meta beda tali użu, it-titolu, il-ħlasijiet li qegħdin isiru, u t-terminu tal-użu?

04/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 2150.

Seduta 40
01/11/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - ADVISORS**

**2630. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li m'hemmx Advisors impjegati fil-Ministeru tiegħi.

Seduta 40
01/11/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI - ADVISORS**

**2631. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarjaru Parlametari għad-Djalogu Soċjali, jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li fis-Segretarjat Parlamentari ma ġew impjegati l-ebda Advisors.

Seduta 40
01/11/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI - ADVISORS**

**2632. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarjaru Parlametari għall-Gvern Lokali, jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali m'hemm l-ebda Advisor ingaġġat.

Seduta 40
01/11/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ADVISORS**

**2633. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarjaru Parlametari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li fis-Segretarjat Parlametari għas-Sajd, l-Akkwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali fi ħdan il-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli ma ġew imjegati l-ebda Advisors.

Seduta 40
01/11/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ - ADVISORS**

**2634. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarjaru Parlametari għall-Fondi Ewropej, jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont l-informazzjioni provduta lili mis-Segretarjat Parlamentari għall-Fondi Ewropej huwa għandu żewġ Advisors ingaġġati. Advisor minnhom ingaġġat fuq skala 7, filwaqt li advisor ieħor ingaġġat fuq skala 3 prorata għal 10 sigħat.

Seduta 40
01/11/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWLJANZA - ADVISORS**

**2635. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarjaru Parlametari għar-Riformi u l-Ugwljanza, jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fis-Segretarjat Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza hemm 2 advisors fuq bażi part-time li jaħdmu 10 sigħat u 20 siegħa rispettivament u li s-salarju tagħhom hu fi Skala 3.

Seduta 40
01/11/2022

**RAĦAL ĠDID – IRWEJJAĦ MILL-INĊINERATUR**

**2922. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid għaliex f'Raħal Ġdid qiegħed ikun hemm riħa persistenti li mhi xejn pjaċevoli, preżumibbilment ġejja mill-inċineratur u tindika x'passi ttieħdu biex din ir-riħa tieqaf?

11/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li matul l-aħħar snin, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi rċeviet diversi lmenti ta' rwejjaħ mill-akkwati ta' Raħal Ġdid. Is-sorsi tal-lmenti jvarjaw, u ġieli kien hemm każijiet fejn is-sorsi tal-irwejjaħ ma kinux identifikati.

B'referenza għall-Marsa Thermal Treatment facility li ilu jopera mill-2007, qed isir investiment ta' €4 miljun biex permezz tal-aqwa apparat disponibbli fis-suq, tkun tista' titnaddaf l-arja minn kull tip ta' rwejjaħ.

Dan l-investiment jinkludi tliet impjanti ġodda li jnaddfu l-arja u reception shed issiġillata. Il-benefiċċji ta' dan il-proġett għandu jibdew jinħassu għall-aħħar tas-sena.

Seduta 40
01/11/2022

**RAĦAL ĠDID – IRWEJJAĦ MILL-INĊINERATUR**

**2923. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid għaliex f'Raħal Ġdid qiegħed ikun hemm riħa persistenti li mhi xejn pjaċevoli, preżumibbilment ġejja mill-inċineratur u jindika x'passi ttieħdu biex din ir-riħa tieqaf?

11/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 40
01/11/2022

**RAĦAL ĠDID – IRWEJJAĦ MILL-INĊINERATUR**

**2924. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex f'Raħal Ġdid qiegħed ikun hemm riħa persistenti li mhi xejn pjaċevoli, preżumibbilment ġejja mill-inċineratur u jindika x'passi ttieħdu biex din ir-riħa tieqaf?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 40
01/11/2022

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IL-FARFETT TAL-FEJĠEL – SKIPS TAR-RIĊIKLAĠĠ**

**2925. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara x'passi jistgħu jittieħdu sabiex jonqsu l-iskips ta' riċiklaġġ, jew almenu jkun hemm iktar kontroll sikwit, fi Triq il-Farfett tal-Fejġel, Żabbar billi dawn qegħdin ikunu ta' inkonvenjent kbir għall-ġirien u qed jiġbdu wkoll kwantità kbira ta' ġrieden?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar illi l-Kunsill m'għandux siti alternattivi fejn jista' jitrasferrixxi l-bring-in sites. Infurmat li minħabba li qed jiġi depożitat skart illegali u skart domestiku madwar il-bring-in sites, hemm bżonn li jiġu installati cameras ta' sigurtà għal skopijiet ta' monitoraġġ u infurzar.

Seduta 40
01/11/2022

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IL-FARFETT TAL-FEJGEL – SKIPS TAR-RIĊIKLAĠĠ**

**2926. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jara x'passi jistgħu jittieħdu sabiex jonqsu l-iskips ta' riċiklaġġ, jew almenu jkun hemm iktar kontroll sikwit, fi Triq il-Farfett tal-Fejġel, Żabbar billi dawn qegħdin ikunu ta' inkonvenjent kbir għall-ġirien u qed jiġbdu wkoll kwantità kbira ta' ġrieden?

11/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 40
01/11/2022

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IL-FARFETT TAL-FEJĠEL – SKIPS TAR-RIĊIKLAĠĠ**

**2927. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara x'passi jistgħu jittieħdu sabiex jonqsu l-iskips ta' riċiklaġġ, jew almenu jkun hemm iktar kontroll sikwit, fi Triq il-Farfett tal-Fejġel,Żabbar billi dawn qegħdin ikunu ta' inkonvenjent kbir għall-ġirien u qed jiġbdu wkoll kwantità kbira ta' ġrieden?

11/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont emendi legali li saru fl-2021 (Regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar l-Iskart L.S. 549.63), kull Kunsill Lokali huwa obbligat li għal kull elfejn abitant tal-lokalità, jalloka spazju għal Recycling Point, u dan sabiex ikun hemm aktar separazzjoni tal-iskart fil-komunità.

Fil-kuntest tar-regolamenti msemmija, il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar ma jistax inaqqas mir-Recycling Points li għandu bħalissa.

Sadanittant, ninsab infurmata wkoll li sa issa l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi ma rċeviet l-ebda lment dwar skart mormi illegalment f'dan is-sit iżda, minkejja dan, se tkun qed tinkludih fil-programm ta' monitoraġġ tagħha u fl-eventwalità li jinqabad xi ħadd jabbuża minn din il-faċilità se tkun qiegħda tieħu l-passi neċessarji skont il-liġi.

Seduta 40
01/11/2022

**BIRŻEBBUĠA – TRIQ FELIĊJAN - XOGĦLIJIET**

**2994. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitlesta x-xogħol fuq Triq Feliċjan, Birżebbuġa għaliex dawn ix-xogħlijiet qegħdin joħolqu diversi inkonvenjenzi lir-residenti ta' din it-triq?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari nru 2907.

Seduta 40
01/11/2022

**BIRŻEBBUĠA – TRIQ IT-13 TA' DIĊEMBRU – XOGĦOL FUQ IL-BANKINI**

**2995. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jibda x-xogħol fuq il-bankini ta' Triq it-13 ta' Diċembru, Birżebbuġa?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari nru 2995 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 40
01/11/2022

**TRANSPORT MALTA – SEWWIEQA TAT-TRASPORT PUBBLIKU LI MA SEGWEWX IR-ROTOT**

**2996. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm defaults matul is-snin 2020, 2021 u 2022 (sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari) xahar b'xahar, għaliex sewwieqa tat-trasport pubbliku ma segwewx ir-rotta stabbilita?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mis-sena 2020 sa Lulju ta din is sena kienu innotati s-sussegwenti inċidenzi fejn is-sewwieqa tal-karrozzi tal-linja ma segwewx ir-rotta stabbilita. L-inċidenzi huma hekk kif indikat:

| | |
|---|---|
| 2020 | 113 |
| 2021 | 292 |
| 2022 (Sa Lulju) | 130 |

Dawn id-"defaults" jinħarġu wara li l-kazijiet identifikati jiġu nvestigati sabiex jiġi stabbilit li ma kienx hemm raġuni valida għalfejn ix-xufier ma' segwiex ir-rotta stabilita bħal per ezempju xogħolijiet fit-toroq, rikjesti sabiex tingħalaq it-triq, kif ukoll xi inċidenti fit-triq. Wieħed irid jinnota ukoll li uħud mill-kazi innotati fit-2022 għadhom qegħdin jiġu investigati.

Seduta 40
01/11/2022

**KUNSILLI LOKALI GĦAWDXIN – FONDI RURAL DEVELOPMENT PROGRAMME 2014-2020**

**3172. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq (isem tat-triq u raħal) ġewwa Għawdex li l-kunsilli lokali Għawdxin u anke l-Ministeru għal Għawdex applikaw għalihom u jgħid liema minnhom ġew aċċettati biex isiru matul is-snin 2022 u 2023 mill-programm '*Rural Development Programme 2014-2020 Measure 4.3 - European Agricultural Fund for Rural Development*' u kemm ħa jingħataw flus minn dan il-fond kull kunsill lokali Għawdxi u anke l-Ministeru għal Għawdex għal dawn it-toroq?

18/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li abbażi ta' informazzjoni mgħoddija lili mis-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, ninsab infurmat li t-toroq li ġewaċċettati biex isiru matul is-snin 2022 u 2023 mill-programm '*Rural Development Programme 2014-2020 Measure 4.3 - European Agricultural Fund for Rural Development*', kemm ħa jingħataw flus minn dan il-fond u kull kusill lokali jinstabu hekk kif muri fit-tabella.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **KUNSILLI LOKALI GĦAWDXIN - FONDI RURAL DEVELOPMENT PROGRAMME 2014-2020** | | | |
| **TOROQ LI ĠEW AĊĊETTATI** | | | |
| | | | |
| Kunsill Lokali | Isem tat-Triq | Lokalità | Ammont kommess mill-fond FAE¯R (RDP14-22) € |
| | | | |
| Kunsill Lokali Nadur | Triq Wied Rihan | Nadur | 241,278.76 |
| | Triq l-Irdum ta' Venuta | Nadur | |
| Kunsill Lokali San Lawrenz | Passaġġ Triq il-Wileġ | San Lawrenz | 27,692.69 |
| Kunsill Lokali Għajnsielem | Triq Daħla tal-Għam | Għajnsielem | 60,920.96 |
| Kunsill Lokali Għarb | Triq tal-Blajjat | Għarb | 400,943.20 |
| | Triq Daħla ta' Abdilla | Għarb | |
| Kunsill Lokali Żebbuġġ | Triq tal-Ħluq | Żebbuġ | 625,763.00 |
| | Triq ta' Tutiet | Żebbuġ | |
| | Triq is-Sagħtrija | Żebbuġ | |

Seduta 40
01/11/2022

**KUNSILL LOKALI GĦAWDXIN – GĦAJNUNA GĦALL-PEDESTRIAN FRIENDLY ROADS**

**3173. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsilli Lokali Għawdxin humiex ser jingħataw għajnuna minn Infrastructure Malta bħalma ser jingħataw kunsilli lokali f'Malta jekk jidentifikaw toroq fil-lokalitajiet tagħhom li jistgħu jkunu 'pedestrian-friendly roads'?

18/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 3173 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 40
01/11/2022

**IX-XAGĦRA – TRIQ IT-TAFLA – RETAINING WALL TAS-SEJJIEĦ**

**3174. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta saret l-aħħar spezzjoni fuq ir-retaining walls tal-kantun u tas-sejjieħ li hemm fi Triq it-Tafla, fix-Xagħra, peress li parti kbira mir-retaining wall tas-sejjieħ ċediet madwar sena ilu u baqa' ma sar xejn, u partijiet kbar oħra tar-retaining wall tas-sejjieħ u tal-kantun jidher li jistgħu jċedu minn ħin għal ieħor? Jista' jgħid ukoll jekk min għamel din l-ispezzjoni, ikkonfermax li m'hemm l-ebda periklu? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja tar-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra?

18/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Perit tal-Ministeru għamel spezzjoni tar-retaining walls u fil-ġimgħat li ġejjin se tinħareġ sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet neċessarji.

Seduta 40
01/11/2022

**MAGĦTAB - WASTE-TO-ENERGY PLANT - KUMPANIJI/PERSUNI**

**3175. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid minn min huma ffurmati kull wieħed mill-ħames konsorzja li ġew short-listed rigward il-proġett '*to design, build and operate a waste-to-energy plant in Magħtab'* (isem il-kumpaniji/persuni)?

18/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 40
01/11/2022

**AUTONOMOUS BUSES**

**3232. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari numru 2476 u jaġġorna lill-Kamra dwar l-aħħar żviluppi fuq il-proġett pilota ta’ autonomous buses u jagħti indikazzjoni taż-żmien meta l-proġett ikun jista’ jibda jopera?

20/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-proġett pilota għadu għaddej. Tkun trid issir ukoll evalwazzjoni tiegħu.

Seduta 40
01/11/2022

**HOUSEHOLDS LI JAGĦMLU UŻU MINN AERIAL BIEX JARAW FREE-TO-AIR**

**3234. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hawn persuni f’Malta u Għawdex, u n-numru ta’ households, imqassma skont il-lokalità, li għadhom jagħmlu użu minn aerial biex jaraw l-istazzjonijiet lokali free-to-air?

20/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 40
01/11/2022

**QORTI TA’ MALTA - ENTRATURA GĦALL-AKKUŻATI**

**3235. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2821, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja u li issa ġiet riferuta lilu, u jispjega l-kriterji li abbażi tagħhom il-Pulizija jew l-uffiċjal tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi jiddeċiedu fuq liema entratura jiddaħħlu l-akkużati fil-Qorti ta’ Malta?

20/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li d-deċiżjoni tal-Pulizija f'dan ir-rigward issir mill-uffiċjal investigattiv wara li jkunu valutati r-riskji u l-miżuri ta' sigurtà meħtieġa għall-istess persuni, fost elementi oħra. L-uffiċjali tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi jużaw il-parti tal-binja responsabbiltà tagħhom, sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni mod ieħor.

Seduta 40
01/11/2022

**PRETTY BAY BEACH CONCESSION**

**3250. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2849 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2193, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-beach concession biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja ta' Pretty Bay?

20/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija waħda interna tal-Awtorità tal-Artijiet u għaldaqstant ma jkunx opportun li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Madankollu l-Onor. Interpellant se tingħata ċ-ċans li tara hi personalment id-dokument mitlub.

Seduta 40
01/11/2022

**FRA BEN BEACH CONCESSION**

**3251. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2850 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2195, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-concession sabiex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja ta' Fra Ben?

20/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija waħda interna tal-Awtorità tal-Artijiet u għaldaqstant ma jkunx opportun li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Madankollu l-Onor. Interpellant se tingħata ċ-ċans li tara hi personalment id-dokument mitlub.

Seduta 40
01/11/2022

**BAJJA TAL-GĦADIRA - LIĊENZJI**

**3252. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2856 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2215, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-liċenzji biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tal-Għadira?

20/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellanta hija ta' natura kummerċjali sensittiva u għaldaqstant ma tistax tingħata.

Seduta 40
01/11/2022

**NAXXAR – PARTIJIET LI GĦADHOM MINGĦAJR SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**3299. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar liema partijiet mil-lokalità tan-Naxxar għadhom mingħajr sistema tad-drenaġġ? F'kull każ, meta hu maħsub li din is-sistema titwassal fl-inħawi fejn sa issa għad ma hemmx tali sistema? Xi studji wettqet il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex tipprepara għal din l-estensjoni fis-sistema?

21/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tispeċifika għal liema parti qed tirreferi.

Seduta 40
01/11/2022

**GĦAWDEX – IL-QALA – TRIQ PAPA PIJU XII - XOGĦLIJIET**

**3304. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jitkompla x-xogħol fuq Triq Papa Piju XII fil-Qala, Għawdex u meta hu mistenni li x-xogħol f'din it-triq ikun lest għalkollox?

24/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fuq Triq Papa Piju XII fil-Qala tlesta. Fil-ġimgħat li ġejjin mistenni li jingħata l-wearing course.

Seduta 40
01/11/2022

**MCA – CHAIRPERSON, DEPUTY CHAIRPERSON U MEMBRI TAL-BORD**

**3305. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari 1170 u 1676, jista' l-Ministru jgħid min huma ċ-chairperson, deputy chairperson u l-membri tal-Bord tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA)? F'kull każ jista' jgħid meta tiġi fi tmiem il-ħatra ta' kull wieħed minn dawn il-membri tal-Bord? Jista' jgħid ukoll jekk il-ħatra attwali f'kull każ hijiex l-ewwel jew it-tieni ħatra tal-persuna konċernata?

24/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Bord tal-Awtorità Maltija dwar il-Komunikazzjoni hu mwaqqaf skont skont it-tabella hawn taħt.

| Pożizzjoni fuq il-Board | Kunjom | Isem | Titlu | Bidu Tal-Ħatra Kurrenti | L-ewwel jew it-tieni Hatra |
|---|---|---|---|---|---|
| Chairperson(Acting) | Bugeja | Jesmond | Mr | October 2020 għal 3 snin | 2 |
| Deputy Chairperson | Musù | Mark | Mr | October 2020 għal 3 snin | 2 |
| Membru | Fava | Mario | Mr | October 2020 għal 3 snin | 2 |
| Membru | Farrugia | Graziella | Ms | October 2020 għal 3 snin | 2 |
| Membru | Mizzi | Alexandra | Dr | October 2020 għal 3 snin | 2+ |
| Membru | Zammit | Massimo | Mr | October 2020 għal 3 snin | 1 |
| Membru | Abela | Kevin | Mr | October 2020 għal 3 snin | 2 |

Seduta 40
01/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3323. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2016?

24/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-PQ 3317.

Seduta 40
01/11/2022

**MSIDA CREEK PROJECT – PJANTI, STUDJI U DOKUMENTI**

**3324. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-pjanti, studji u d-dokumenti kollha dwar l-Imsida Creek Project?

24/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta ssottomettiet pjanti ġodda ta' Msida Creek Project Road li qed inpoġġi kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra flimkien ma' Scheme Assessment Study li sar u viżwali fotografiċi tal-proġett.

Minbarra l-bini ta' flyover minflok il-junction bis-sistema ta' traffic lights fix-Xatt tal-Imsida u faċilitajiet aktar siguri għal mezzi alternattivi tal-ivvjaġġar, inkluż mogħdija ġdida għall-mixi u r-roti, il-proġett jaħseb ukoll sabiex isir titjib kbir u tisbiħ tal-inħawi fil-madwar b'żoni ġodda għar-rikreazzjoni. Fil-fatt, 60% ta' Msida Creek Project kif qed jiġi propost mill-aġenzija huwa ddedikat għal spazji pubbliċi miftuħa li ser jagħtu dehra ferm isbaħ lill-qalba ta' din il-lokalità.

Iż-żieda fl-ispazji miftuħa u żoni ta' rikreazzjoni li ser jinħolqu permezz tal-proġett jinkludu pjazza ġdida ta' 2,200 metru kwadru quddiem il-Knisja Parrokkjali u kanal tal-ilma baħar li jagħmel ukoll parti minn pjan għal kontra l-għargħar. Dan il-kanal twil 300 metru se jkun imdawwar b'passaġġi qalb is-siġar f'żona fejn wieħed ikun jista' jqatta' ħin ta' mistrieħ f'ambjent għall-kwiet.

Mill-junction tat-traffic lights fix-Xatt tal-Imsida jgħaddu aktar minn 4,500 vettura kull siegħa sabiex jivjaġġaw minn u lejn il-Belt Valletta u lokalitajiet oħrajn fil-viċin. L-investiment ta' madwar €18-il miljun jinkludi l-iddisinjar u l-bini mill-ġdid tal-junction tat-traffic lights li tgħaqqad Triq il-Marina (minn u lejn Sa Maison u l-Belt Valletta), Triq il-Wied tal-Imsida u Triq Mikiel Anton Vassalli (minn u lejn ir-roundabout tal-iSkatepark f'Tal-Qroqq), kif ukoll it-titjib ta' numru ta' konnessjonijiet oħra ma' toroq oħrajn fl-inħawi li jwasslu minn u lejn il-Gżira, Tas-Sliema u Ta' Xbiex. Id-disinn propost għal dawn it-toroq se jelimina il-ħin ta' stennija fit-traffic lights kif ukoll inaqqas il-ħin tal-ivvjaġġar b'40% u r-riskji ta' aċċidenti tul din ir-rotta arterjali, waqt li jtejjeb il-kwalità tal-arja fil-qalba tal-Imsida u f'żoni oħra fil-viċinanzi.

Il-flyover ġdida, b'korsija f'kull direzzjoni u twila madwar 200 metru, li qed tkun proposta għal dan il-proġett se tgħaqqad direttament Triq il-Marina ma' Triq Mikiel Anton Vassalli, sabiex jonqos l-impatt tat-traffiku fuq iż-żoni residenzjali u dawk għal rikreazzjoni fl-inħawi, fosthom il-prominad tal-Imsida. Bl-istruttura tal-flyover flok it-traffic lights, il-proġett se jżid l-effiċjenza u l-kapaċità ta' din l-arterja, waqt li jnaqqas il-livelli għoljin ta' tniġġis fl-arja u storbju li hemm bħalissa bil-waqfien u l-istennija sakemm jaqilbu d-dwal.

Bħala parti minn dan l-investiment, Infrastructure Malta se ttejjeb ukoll il-konnessjonijiet għat-trasport pubbliku tul din ir-rotta fejn is-servizz tal-karozzi tal-linja huwa mfittex ħafna. Ser jinbnew ukoll bankini iżjed wisgħin u parti minn rotta ġdida max-xatt għall-mixi u r-roti, li ser tkun mifruda mit-triq u eventwalment tgħaqqad Tal-Pieta ma' Ta' Xbiex u Triq il-Wied tal-Imsida, filwaqt li ser ikun hemm numru ta' pelican crossings li ser jagħtu l-faċilità li wieħed jaqsam it-triq b'mod sigur.

L-aġenzija se toħloq ukoll parkeġġ bi spazju għal 100 vettura msaqqaf b'pannelli fotovoltaiċi, waqt li madwar il-Monument tal-Ħaddiem se tagħmel xogħol ta' tisbiħ bi tħawwil ta' aktar siġar u pjanti sabiex isir parti mill-ġnien pubbliku li se jkun akbar milli hemm illum u fi spazju miftuħ fiż-żona tal-madwar li flimkien jammontaw għal 4,500 metru kwadru.

Il-pjanti l-ġodda tal-proġett jinkludu sistema komprensiva għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita sabiex tittaffa l-problema tal-għargħar li ilha teżisti f'din iż-żona għal għexieren ta' snin.

Seduta 40
01/11/2022

**BARS, RISTORANTI, HOTELS U STABBILIMENTI KUMMERĊJALI – LIĊENZJA BIEX IDOQQU L-MUŻIKA**

**3345. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3107 u jagħti tagħrif dwar kemm hemm bars, ristoranti, hotels u stabbilimenti kummerċjali oħra li għandhom liċenzja biex idoqqu l-mużika? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista bl-isem, indirizz u lokalità għal kull wieħed minn dawn il-permessi? Sa xħin huma liċenzjati li jdoqqu dawn l-istabbilimenti? Kemm minn dawn għandhom liċenzja li jdoqqu open air? Jista' jgħid x'inhu l-ħin sakemm tista' tindaqq il-mużika skont il-liġi li taqa' taħt l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ? Jista' jagħti tagħrif dwar jekk hemmx stabbilimenti li għandhom ukoll konċessjonijiet speċjali biex idoqqu wara l-ħin stabbilit? Jekk iva, kemm hemm u liema huma?

25/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3106. Rigward is-sigħat li fihom tista' tindaqq mużika, nirreferi lill-Onor. Interpellant għal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 441.08.

Seduta 40
01/11/2022

**BORMLA - APPARTAMENTI TAL-GVERN ĠODDA**

**3350. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbnew appartamenti ġodda u huma lesti għall-abitazzjoni bejn is-snin 2014 u 2022 ġewwa Bormla? Jista' jindika fejn qegħdin?

25/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi dan il-Gvern imbarka fuq l-akbar proġett ta' akkomodazzjoni soċjali f'dawn l-aħħar 40 sena, b'investiment ta' €130 miljun.

B'referenza għall-mistoqsija tagħha, ninfurmaha illi għaddej xogħol fuq bini ġdid ta' akkomodazzjoni soċjali f'Bormla li jammonta għal 68 appartament li għadhom qed jinbnew.

Seduta 40
01/11/2022

**IL-BIRGU - APPARTAMENTI TAL-GVERN ĠODDA**

**3351. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbnew appartamenti ġodda u huma lesti għall-abitazzjoni bejn is-snin 2014 u 2022 ġewwa l-Birgu? Jista' jindika fejn qegħdin?

25/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi dan il-Gvern imbarka fuq l-akbar proġett ta' akkomodazzjoni soċjali f'dawn l-aħħar 40 sena, b'investiment ta' €130 miljun.

B'referenza għall-mistoqsija tagħha, ninfurmaha illi fil-lokalità indikata m'hemmx postijiet li qed jinbnew kif indikat.

Seduta 40
01/11/2022

**L-ISLA - APPARTAMENTI TAL-GVERN ĠODDA**

**3352. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbnew appartamenti ġodda u huma lesti għall-abitazzjoni bejn is-snin 2014 u 2022 ġewwa l-Isla? Jista' jindika fejn qegħdin?

25/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi dan il-Gvern imbarka fuq l-akbar proġett ta' akkomodazzjoni soċjali f'dawn l-aħħar 40 sena, b'investiment ta' €130 miljun.

B'referenza għall-mistoqsija tagħha, ninfurmaha illi fil-lokalità indikata m'hemmx postijiet li qed jinbnew kif indikat.

Seduta 40
01/11/2022

**ĦAŻ-ŻABBAR - APPARTAMENTI TAL-GVERN ĠODDA**

**3353. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbnew appartamenti ġodda u huma lesti għall-abitazzjoni bejn is-snin 2014 u 2022 ġewwa Ħaż-Żabbar? Jista' jindika fejn qegħdin?

25/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi dan il-Gvern imbarka fuq l-akbar proġett ta' akkomodazzjoni soċjali f'dawn l-aħħar 40 sena, b'investiment ta' €130 miljun.

B'referenza għall-mistoqsija tagħha, ninfurmaha illi fil-lokalità indikata m'hemmx postijiet li qed jinbnew kif indikat.

Seduta 40
01/11/2022

**IX-XGĦAJRA - APPARTAMENTI TAL-GVERN ĠODDA**

**3354. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbnew appartamenti ġodda u huma lesti għall-abitazzjoni bejn is-snin 2014 u 2022 ġewwa x-Xgħajra? Jista' jindika fejn qegħdin?

25/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi dan il-Gvern imbarka fuq l-akbar proġett ta' akkomodazzjoni soċjali f'dawn l-aħħar 40 sena, b'investiment ta' €130 miljun.

B'referenza għall-mistoqsija tagħha, ninfurmaha illi fil-lokalità indikata m'hemmx postijiet li qed jinbnew kif indikat.

Seduta 40
01/11/2022

**IL-KALKARA - APPARTAMENTI TAL-GVERN ĠODDA**

**3355. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbnew appartamenti ġodda u huma lesti għall-abitazzjoni bejn is-snin 2014 u 2022 ġewwa l-Kalkara? Jista' jindika fejn qegħdin?

25/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi dan il-Gvern imbarka fuq l-akbar proġett ta' akkomodazzjoni soċjali f'dawn l-aħħar 40 sena, b'investiment ta' €130 miljun.

B'referenza għall-mistoqsija tagħha, ninfurmaha illi fil-lokalità indikata mhemmx postijiet li qed jinbnew kif indikat.

Seduta 40
01/11/2022

**BAĠIT GĦAS-SENA 2023 – KONFERENZA TAL-AĦBARIJIET – RENDIKONT TAN-NEFQA**

**3410. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont tan-nefqa li saret b'rabta mal-konferenza tal-aħbarijiet dwar il-Baġit għas-sena 2023 u li hu flimkien mad-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa u l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol indirizzaw quddiem il-Berġa ta' Kastilja nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru, 2022? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kwalunkwe fattura, rendikont u/jew talba għall-ħlas dwar l-imsemmija konferenza tal-aħbarijiet?

25/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 3441.

Seduta 40
01/11/2022

**BAĠIT GĦAS-SENA 2023 – INFIQ FUQ REKLAMAR**

**3411. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tan-nefqa li saret għal reklamar dwar il-Baġit għas-sena 2023, inkluż nefqa għal reklami f'gazzetti, f'siti soċjali bħal Facebook, Twitter u permezz ta' Google kif ukoll fuq l-istazzjonijiet lokali tat-televiżjoni u tar-radju? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kwalunkwe fattura, rendikont u/jew talba għall-ħlas dwar l-imsemmija reklami?

25/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 40
01/11/2022

**TILQUM TAL-INFLUWENZA**

**3424. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn il-Gvern għażel li t-tilqim tal-influwenza se jsir mill-Gvern Ċentrali u mhux mill-Kunsilli Lokali kif isir is-soltu?

26/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 40
01/11/2022

**BELT VALLETTA – TENDER TA' INFURZAR**

**3425. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid min hu u kemm tħallas il-kuntrattur li ħa t-tender għall-infurzar li seħħ reċentement fil-Belt Valletta?

26/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema azzjoni ta' infurzar qiegħed jirreferi hekk kif l-Awtorità tagħmel diversi azzjonijiet.

Seduta 40
01/11/2022

**ARTIJIET LI HUMA PROPRJETÀ TAL-GVERN LIBJAN**

**3426. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' artijiet li huma proprjetà tal-Gvern Libjan jew aġenziji statali tal-Gvern Libjan f'Malta? Jista' jikkonferma jekk għadx hemm artijiet li huma proprjetajiet tal-People's Broadcasting Corporation Tripoli, bħal pereżempju l-art f'Tas-Salib, ir-Rabat? Jista' jikkonferma min hu l-proprjetarju ta' St Mark's House l-Furjana u minn fejn hi bbażata l-LAMHCO?

26/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 40
01/11/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – REVIŻJONI PARZJALI TAL-LOCAL PLANS**

**3427. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3245 u 2918 u jgħid kemm-il reviżjoni parzjali tal-local plans saret mill-Awtorità tal-Ippjanar (jew mill-MEPA), mill-2013 sal-lum? Min talab għal dawn ir-reviżjonijiet, ċjoè jekk, f'kull każ, kinux individwi jew kumpaniji privati, jew inkella xi entità tal-Gvern eċċ. li talbu għal dawn ir-reviżjonijiet? Fejn jinsabu l-postijiet li saru r-reviżjonijiet fuqhom? X'kienu r-reviżjonijiet li fil-fatt seħħew? Kemm hemm talbiet għal reviżjoni li għadhom pendenti, u għal liema lokalitajiet?

26/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni kif mitluba hi diġà pubblika fuq il-websajt tal-Awtorità tal-Ippjanar. Waqt li nippreċiża li tali talbiet isiru mill-Ministeru jew mill-istess awtorità bil-kunsens tal-Ministeru, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dak mitlub.

Seduta 40
01/11/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – USERS COMMITTEE - LAQGĦAT**

**3435. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti d-dati meta ltaqa' l-Users Committee fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar mill-1 ta' Jannar sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jgħid kemm kien hemm membri preżenti għal kull laqgħa?

26/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li l-Bord iltaqa' darbtejn u għaż-żewġ laqgħat attendew sitt membri.

Seduta 40
01/11/2022

**ARTIJIET TAL-GVERN MIKRIJA LILL-PRIVAT**

**3436. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jindika liema huma l-artijiet tal-Gvern fil-Magħtab u f'Burmarrad li huma mikrija lill-privat għal skopijiet ta' petting farming u/jew stallel?

26/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Artijiet tirrileva li mhux qiegħda f'pożizzjoni li tipprovdi din l-informazzjoni peress li d-domanda hi waħda wiesgħa u ġenerika. Għaldaqstant, sakemm ma jingħatax aktar żmien sabiex issir riċerka manwali, din ir-risposta ma tistax tingħata bi preċiżjoni. Ikun aħjar li l-Onor. Interpellant iressaq domanda iktar speċifika fuq ir-rigward propjetajiet partikolari biex ikun faċilitat il-ġbir tat-tagħrif.

Seduta 40
01/11/2022

**SPTARIJIET TAL-GVERN – FUELS UŻATI**

**3437. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jippreżenta lista ta' fuels li jintużaw f'kull wieħed mill-isptarijiet tal-Gvern u jgħid għaliex jintużaw u x'kienet il-kwantità użata kull sena mill-1 ta' Jannar, 2013 sal-31 ta' Diċembru, 2021?

26/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dokument bl-informazzjoni mitluba minnu.

Seduta 40
01/11/2022

**DIPARTIMENT TAL-EDUKAZZJONI – PURTINARA/CLEANERS INGAĠĠATI**

**3438. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il purtinar/a, cleaners u/jew persuni li jagħmlu l-istess xogħol huma impjegati mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u kemm huma impjegati tal-Kuntrattur/i imma li qed jaħdmu għad-Dipartiment tal-Edukazzjoni? Jista' jelenka l-ogħla rata fis-siegħa, lanqas rata fis-siegħa u r-rata medja fis-siegħa ta' dawk ingaġġati direttament mad-Dipartiment u dawk ingaġġati indirettament permezz ta' kuntrattur u li jagħmlu xogħol ta' purtinara/cleaners?

26/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta 40
01/11/2022

**IMPJANT TAL-PRODUZZJONI TAL-PRODOTTI TAX-XORB - ILMA**

**3439. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid sena b'sena, mill-2011 sal-2021, kemm ittella' ilma mill-ilma tal-pjan mill-impjanti tal-produzzjoni tal-prodotti tax-xorb, inklużi dawk li jibbottiljaw l-ilma għax-xorb, u b'liema rata, medja għal kull sena, dan inxtara?

26/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni mitluba tieħu l-ħin, iż-żmien u r-riżorsi biex tinġabar. L-informazzjoni mitluba fil-fatt qiegħda tinġabar u tingħata meta ladarba tkun lesta.

Seduta 40
01/11/2022

**KUMPENS GĦAL ARTIJIET MEĦUDA MILL-GVERN**

**3440. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista li turi l-area, il-valur ta' kumpens dovut u l-lokalità tal-artijiet li ġew meħuda mill-Gvern mill-1990 sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija u li għadhom ma ġewx ikkompensati b'mod sħiħ? Tista' tingħata d-data għal kull każ meta ser jingħata l-kumpens dovut u l-ammont tal-kumpens?

26/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Artijiet tirrileva li d-domanda mressqa titlob ammont konsiderevoli ta' riżorsi umani u ħin biex tiġi kkompilata. Ikun aħjar li l-Onor. Interpellant iressaq domanda aktar speċifika fuq siti speċifiċi bil-għan li jkun faċilitat il-ġbir tat-tagħrif, kif ukoll iż-żmien li jittieħed biex tinġabar tali informazzjoni jkun imqassar.

Seduta 40
01/11/2022

**ATTIVITÀ QUDDIEM IL-BERĠA TA' KASTILJA – RENDIKONT TAL-ISPEJJEŻ**

**3442. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont totali tal-ispiża għall-attività li saret quddiem Kastilja wara d-Diskors tal-Baġit nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru?

26/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 40
01/11/2022

**ĦAL-LUQA – SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**3443. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar liema partijiet mil-lokalità ta' Ħal Luqa għadhom mingħajr sistema tad-drenaġġ? F'kull każ, meta hu maħsub li din is-sistema titwassal fl-inħawi fejn s'issa għad m'hemmx tali sistema? Xi studji wettqet il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex tipprepara għal din l-estensjoni fis-sistema?

26/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema parti qed jirreferi.

Seduta 40
01/11/2022

**SIĠĠIEWI - SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**3444. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar liema partijiet mil-lokalità tas-Siġġiewi għadhom mingħajr sistema tad-drenaġġ? F'kull każ, meta hu maħsub li din is-sistema titwassal fl-inħawi fejn s'issa għad m'hemmx tali sistema? Xi studji wettqet il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex tipprepara għal din l-estensjoni fis-sistema?

26/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema parti qed jirreferi.

Seduta 40
01/11/2022

**ĦAL QORMI - SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**3445. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar liema partijiet mil-lokalità ta' Ħal Qormi għadhom mingħajr sistema tad-drenaġġ? F'kull każ, meta hu maħsub li din is-sistema titwassal fl-inħawi fejn s'issa għad m'hemmx tali sistema? Xi studji wettqet il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex tipprepara għal din l-estensjoni fis-sistema?
26/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema parti qed jirreferi.

Seduta 40
01/11/2022

**SIĠĠIEWI – TRIQ SALVU CURSO - TINDIF**

**3446. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq Salvu Curso, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

26/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li bħalissa l-Kunsill qiegħed fil-fażi ta' evalwazzjoni għat-tender tal-knis.

Infurmat ukoll illi l-knis tat-toroq isir bi skeda u l-Kunsill Lokali huwa kommess li jara li din l-iskeda tiġi rispettata.

Seduta 40
01/11/2022

**SIĠĠIEWI – TRIQ KARMENU VASSALLO - TINDIF**

**3447. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq Karmenu Vassallo, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

26/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li bħalissa l-Kunsill qiegħed fil-fażi ta' evalwazzjoni għat-tender tal-knis.

Infurmat ukoll illi l-knis tat-toroq isir bi skeda u l-Kunsill Lokali huwa kommess li jara li din l-iskeda tiġi rispettata.

Seduta 40
01/11/2022

**ORGANIZZAZZJONIJIET VOLONTARJI**

**3451. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar kemm hemm organizzazzjonijiet volontarji reġistrati b'mod separat f'Malta u f'Għawdex? Tista' taqsam dawn l-organizzazzjonijiet skont il-kategorija li fiha huma attivi, bħal pereżempju għaqdiet tal-isport, tal-banda, tal-festa, persuni b'diżabilità, eċċ.?

26/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li f'Malta u Għawdex hawn total ta' **1775 organizzazzjoni** (1619 f' Malta u 156 f'Għawdex) reġistrati mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Fil-preżent l-uniku kategorizzazzjoni stabbilita fil-liġi hija maqsuma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Kultura | 384 |
| Edukazzjoni u Riċerka | 98 |
| Saħħa Pubblika | 51 |
| Servizzi Soċjali | 135 |
| Avvanz tal-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, inkluż il-ħarsien tal-annimali | 76 |

| | |
|---|---|
| Żvilupp tal-komunità | 12 |
| Promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, ir-riżoluzzjoni tal-konflitti, id-demokrazija u r-rikonċiljazzjoni | 144 |
| Żvilupp Internazzjonali u Għajnuna Umanitarja | 66 |
| Filantropija | 81 |
| Organizzazzjonijiet ibbażati fuq il-fidi | 103 |
| Organizzazzjonijiet professjonali | 111 |
| Organizzazzjonijiet sportivi | 368 |
| Rikreazzjoni | 29 |
| Pjattaformi u federazzjonijiet | 4 |

Hemm 113 għad m'għandhomx klassifikazzjoni speċifika.
Bħalissa, bħala parti mir-riforma li qed issir fis-settur qed issir analisi iktar dettaljata tal-għaqdiet li tħares lejn il-funzjoni u l-iskop tagħhom. Ir-rikonoxximent ta' għaqdiet skont l-operat, il-format, il-mod li bih huma amministrati u l-ħidma tagħha hija importanti fit-tfassil tal-politika tas-settur u hija essenzjali biex nindirizzaw ir-riforma neċessarja.

L-għaqdiet li jaħdmu jew jipprovdu servizzi lil persuni b'diżabilita huma58. Dawn jaqgħu taħt il-kategoriji ta' saħħa pubblika, servizzi soċjali, promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u filantropja. Dan ma jinkludix għaqdiet, bħal sportivi u kulturali, li fil-ħidma tagħhom jagħmlu wkoll xogħol li jibbenefikaw minnu persuni b'diżabilita, grazzi għall-fatt li jħaddnu policy ta' inklussività fil-ħidma tagħhom fil-komunitajiet.
Għaqdiet li huma b'xi mod marbuta mal-isport hemm 368.

B'kollox hemm 94 għaqda li hija meqjusa bħala 'Każin tal-Banda', għalkemm sal-lum m'hemmx kategorizzazzjoni speċifika għal dawn.

L-istess jista' jingħad għal-għaqdiet li b'xi mod jikkontribwixxu lejn l-aspetti tal-festi, bħal għaqdiet tal-armar, fratellanzi u għaqdiet tan-nar. It-total ta' dawn l-għaqdiet huwa 68. Dawn jaqgħu f'kategoriji varji, fosthom kultura, rikreazzjoni u organizzazzjonijiet bbażati fuq fidi.

Seduta 40
01/11/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI TAL-PALAZZ TA' SELMUN, IL-LUKANDA SELMUN PALACE U L-FORTIZZA CAMPBELL**

**3452. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar x'applikazzjonijiet pendenti hemm mal-Awtorità tal-Ippjanar għal dak li jikkonċerna l-Palazz ta' Selmun, is-Selmun Palace Hotel u l-Fortizza Campbell? Liema xogħol hemm applikazzjoni għalih quddiem l-Awtorità u f'kull każ f'liema stadju waslet din l-applikazzjoni? Għal kull wieħed minn dawn it-tliet siti, jista' jagħti tagħrif dwar x'permessi hemm maħruġin mill-Awtorità tal-Ippjanar?

26/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' applikazzjonijiet li jikkonċernaw il-Palazz ta' Selmun, is-Selmun Palace Hotel u l-Fortizza Campbell bit-tagħrif kollu hekk kif mitluba mill-Onor. Interpellant għad-dispożizzjoni tagħha.

Seduta 40
01/11/2022

**ARMA TA' MALTA – AWTORIZZAZZJONIJIET**

**3453. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid, mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il awtorizzazzjoni bil-miktub ta sabiex tkun tista' tintuża l-Arma ta' Malta u/jew xi imitazzjoni tagħha? Jista' jgħid lil min ingħatat kull waħda mill-awtorizzazzjonijiet bil-miktub u x'kondizzjonijiet kienu jinsabu mniżżla f'kull awtorizzazzjoni li ngħatat? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull waħda mill-imsemmija awtorizzazzjonijiet bil-miktub?

26/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li bejn l-2013 u l-2022 ingħataw ħames awtorizzazzjonijiet sabiex tintuża l-Arma ta' Malta jew imitazzjoni tagħha. Dawn ingħataw lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Heritage Malta, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, l-Inspections Coordination Office u l-Korp tal-Pulizija. Il-kundizzjonijiet kienu bbażati fuq l-użu speċifiku indikat fit-talba għall-awtorizzazzjoni.

Seduta 40
01/11/2022

**RICHMOND FOUNDATION – MENTAL HEALTH SUPPORT HELPLINE – GĦAJNUNA MILL-GVERN**

**3454. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Fid-dawl li minn Novembru li ġej l-għajnuna tal-Gvern għall-ħlas tal-Mental Health Support Helpline lir-Richmond Foundation sabiex din topera 24 siegħa kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd kienet se titwaqqaf, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti tagħrif dwar x'inhi r-raġuni għal dan? Kemm kienet l-għajnuna finanzjarja li kienet tingħata lil Richmond Foundation marbuta ma' dan is-servizz? Jekk il-Gvern se jkun qed joffri servizz alternattiv għal dak li kienet toffri r-Richmond Foundation, jista' jagħti tagħrif dwar dan is-servizz, kemm se jkun qed jiswa, minn meta se jibda jopera u kif se jkun informat il-pubbliku inkluż dawk il-persuni li bħalissa qegħdin jużaw is-servizz ta' Richmond Foundation?

26/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi s-servizz il-ġdid li se jkun operat mill-Mental Health Service se jkun imħabbar il-ġimgħa d-dieħla.

Seduta 40
01/11/2022

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA – ĦINIJIET TAL-FTUĦ**

**3464. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2201, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hux infermier biss se jkun preżenti meta ċ-Ċentri tas-Saħħa jiftħu l-Ħdud u l-Festi?

27/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirrerferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella hawn mehmuża li tindika s-servizzi mogħtija matul il-Ħdud u l-Festi fiċ-Ċentri tas-Saħħa.

| **Iċ-Ċentri tas-Saħha li jiftħu 24 siegħa kuljum (24/7)** | **Professjonisti fil-Kura tas-Saħħa presenti matul il-ħin tal-ftuħ fil-Ħdud u l-Festi** |
|---|---|
| - Floriana<br>- Mosta<br>- Raħal Ġdid<br>- Victoria, Għawdex | Tobba u Infermiera |
| Mosta H/C | Radiographer |
| **Iċ-Ċentri tas-Saħħa l-oħrajn** | **Professjonisti fil-Kura tas-Saħħa presenti matul il-ħin tal-ftuħ fil-Ħdud u l-Festi** |
| - Gżira | Infermiera bejn 7am - 8pm.<br>Tobba bejn it-8.00am – 5.00pm |
| - Bormla<br>- Qormi<br>- Rabat<br>- Kirkop | Infermiera bejn 7am - 8pm. |
| - B`Kara | Bħalissa magħluqa peress li għaddej il-programm ta' mmodernizzar. Il- kumplament tas-servizzi qed jiġu offruti miċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Floriana u tal-Gżira. |

Seduta 40
01/11/2022

**RABAT, MALTA – TRIQ IT-TIĠRIJA - XOGĦLIJIET**

**3465. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2205, jista' l-Ministru jispjega min ħallas għax-xogħlijiet li kellhom jerġgħu jsiru biex issewwiet Triq it-Tiġrija wara li ġie kkonfermat li x-xogħol ma sarx kif suppost? Jista' jpoġġi dokumenti dwar dan fuq il-Mejda tal-Kamra?

27/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mhux il-każ li "x-xogħol ma sarx kif suppost", imma l-ħsara f'parti żgħira minn din it-triq ġrat minħabba għargħar u l-ammont kbir ta' ilma li ġie f'daqqa minn taħt il-wiċċ tat-triq, bil-konsegwenza li ġarr miegħu ħafna mill-materjal tal-bażi. Ġaladarba ma kienx każ li sar xogħol ħażin, it-tiswija saret minn Infrastructure Malta.

Seduta 40
01/11/2022

**RABAT – TRIQ DONI – RAILING TAT-TARAĠ**

**3466. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2206, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid għaliex it-taraġ fi Triq Doni, ir-Rabat ma sarlux railing biex ikun aċċessibbli? Jista' jgħid jekk hux se jsir railing biex isir aċċessibbli?

27/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari nru 3466 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 40
01/11/2022

**MEDIĊINA XERALTO**

**3467. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx pjan li l-mediċina 'Xeralto' tingħata lil aktar pazjenti mill-ewwel 10,000 ruħ u kif se jseħħ dan?

27/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 2698.

Seduta 40
01/11/2022

**IR-RABAT - TELGĦA TAS-SAQQAJJA – XOGĦLIJIET FIT-TARAĠ**

**3468. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2455, jista' l-Ministru jispjega jekk il-proġett tat-Taraġ tas-Saqqajja, fir-Rabat, Malta tlestiex u jekk le, meta se jitlesta u x'fadal isir?

27/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li l-parti l-kbira tal-proġett huwa lest, jonqos li jitwaħħlu partijiet żgħar mill-poġġaman u xogħol ta' tisbiħ li jinkludi t-tqegħid ta' ħamrija u tħawwil t'arbuxelli. Il-proġett għandu jkun lest sa nofs dan ix-xahar.

Seduta 40
01/11/2022

**SERVIZZ TAT-TRASPORT PUBBLIKU – ROTTA NRU 186**

**3469. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-frekwenza tal-karozza tal-linja 186? Jista' wkoll jispjega jekk isirx monitoraġġ li jkunu qed isiru t-traġitti kollha?

27/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-frekwenza fuq ir-rotta 186 hija ta' kull 30 minuta. Ninforma wkoll li se jsir monitoraġġ sabiex jiġi determinat li r-rotot isiru skont il-frekwenza stabbilita.

Seduta 40
01/11/2022

**GOZO CHANNEL – PASSENGER CAPACITY**

**3478. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3301, jista' l-Ministru jgħid meta qed jiġi ppjanat full-crew apparti fil-ġurnata tal-Ħadd wara nofsinhar biex ilaħħqu mal-Maltin li jkunu qattgħu l-weekend f'Għawdex? Il-projected capacity min jippjanaha u jekk qed tiġi ppjanata, għaliex operaturi turistiċi qed jilmentaw li qed jibqgħu l-art?

27/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pjanijiet isiru mill-management tal-Gozo Channel.

Seduta 40
01/11/2022

**PROĠETT TAL-IMSIDA - STUDJI**

**3508. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji li ssemmew waqt il-Konferenza tal-Aħbarijiet meta tħabbar il-proġett kif mibdul tal-Imsida, speċifikament dak dwar l-għargħar li kkonferma li sar il-Kap Eżekuttiv? Jista' jpoġġi wkoll studji oħra li saru wara li kien tħabbar il-proġett oriġinali u li fuqhom ġew ibbażati l-pjanti l-ġodda? Jista' jagħti dettalji ta' min għamel l-istudju tal-proġett tal-għargħar tal-Imsida u jpoġġi kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra?

28/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari Nru 3324.

Seduta 40
01/11/2022